# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 492/2016PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Sara Maria Linnea Hjorth**
**(ID 0083916(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn ewro u sitt centezmi (€2000.06) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 99' li gie prestat mis-socjeta` attrici lill-konvenuta fuq l-akkont numru AC40466150 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja numru

1523/2015 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-istess ittra. kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tas-6 ta' Marzu, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta' Charmaine Wiffen (a fol 8 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduti imsemmija u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimata sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkol mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata salv li ma gietx prezentata kopja tal-ittra ufficjali numru 1523/2015 imsemmija fl-avviz.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' elfejn ewro u sitt centezmi

(€2000.06) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 99' li gie prestat mis-socjeta` attrici lill-konvenuta fuq l-akkont numru AC40466150 bl-ispejjez u drittijiet, eskluzi dawk tal-ittra interpellatorja numru 1523/2015 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**